# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. DENNIS MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 10 TA' MEJJU 2002**

**Avviz Nru 1416/99DM**

**Cutrico Services Limited**

**Vs**

**Lawrence Darmanin**

## Il-Qorti

Rat l-avviz permezz ta' liema l-atturi talbu il-kundanna tal-konvenut sabiex ihallas is-somma ta' mitejn u tmienja u tmenin liri Maltin u wiehed u hamsin centezmu (Lm288.51) rappresentanti 'call charges' fuq il-"mobile phone" li ghandu n-numru 099 0654, maghmula minnhu bejn Mejju 1998 u Jannar 1999, liema ammont jirrapprezenta l-eccess tal-"allowance" ta' hames liri (Lm5) fix-xahar koncess lilhu waqt l-impieg tieghu mas-socjeta attrici.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra bonarja tat-13 ta' Mejju 1999 u bl-imghaxijiet legali mid-data tan-notifika ta' l-avviz sal-pagament effettiv kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Lawrence Darmanin fejn eccepixxa illi:

1 It-talba attrici fil-konfront tal-eccipjenti hija nfondata fil-fatt u fid-dritt billi l-ammont mitlub huwa kollu a karigu tas-socjeta attrici stante illi ma kien hemm qatt ftehim fis-sens li l-konvenut kellu jhallas xi parti mill-‘call charges’ tal-imsemmi mobile phone’

2 Salvi eccezzjonijiet ohra.

Semghet ix-xhieda bil-gurament:

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi prodotti ma jirrizultax illi hemm kontestazzjoni dwar il-fatt illi il-kundizzjonijiet tal-impieg tal-konvenut ma kienux saru bil-miktub u illi fost dawn il-kundizzjonijiet kien gie miftehem illi l-atturi kellhom jghatu kera b’xejn ‘mobile phone’ ghall-uzu tal-konvenut

b'awtorizzazzjoni wkoll illi minn dan il-'mobile telephone' setgha wkoll jghamel kjamati personali tieghu.

Fejn ma jaqblux il-kontendenti huwa dwar jekk sarx xi ftehim ulterjuri dwar il-limitazzjoni ta hlas ghall-kjamati.  Fil-waqt li l-atturi jsostnu illi huma kienu intrabtu biss illi jhallu ghad-dispozzijoni tal-konvenut kera b'xejn  'mobile telephone' izda bil-kjamat kollha li setgha jghamel ikunu a  karigu tieghu hlief ghall-allowance  ta' Lm5 (hames liri Maltin) kull xahar, l-konvenut, minn naha tieghu jssostni illi ma kienx hemm limitu tal-kjamati li huwa setgha jghamel minn fuq il-'mobile telephone' moghti lilhu mill-kumpanija u ghalhekk l-atturi kellhom jghamlu tajjeb ghall-ispejjes kollha relattivi ghall-uzu tal-'phone' sakemm dan thalla fil-pussess tieghu.

Il-kompitu ta' din il-Qorti ghalhekk huwa sabiex mid-diversi cirkostanzi tal-kaz u mid-deposizzjonijiet tax-xhieda tiddeciedi x'kien effettivament il-ftehim verbali bejn il-kontendenti. Evidentement jispetta lill-atturi illi jgiebu l-provi dwar dak illi huma qedin jallegaw.

Il-provi principali tal-kumpanija jikkonsistu fid-deposizzjonijiet tad-direttur Gino Cutajar u tas-sales Manager Kevin Sammut Alessi. Dawn issostnu illi meta sar il-ftehim tal-impieg il-konvenut kien gie infurmat illi kellu koncessjoni limitata dwar l-uzu tal-'mobile telephone' izda fil-waqt li Gino Cutajar  jallega illi giet stabbilita s-

somma ta' Lm5 (hames liri Maltin) bhala allowance ghall calls Kevin Sammut Alessi ma setghax jiftakar jekk kienetx issemmiet xi figura.

Min-naha l-ohra l-konvenut jikkontesta dan u jssostni illi fil-kundizzjonijiet tal-impieg tieghu qatt ma ssemmiet xi limitazzjoni dwar l-uzu tal-'mobile telephone' illi kien gie mholli ghad-despozizzjoni tieghu.

Dawn il-provi li, oltre id-deposizzjonijiet imsemmija, jinkludu wkoll id-dokumenti esibiti fosthom il-kontijiet mensili dwar l-uzu li kien jghamel mill-'mobile telephone' il-konvenut, mhumiex sufficjenti biex jsostnu t-talba taghhom.

Infatti jirrizulta mill-kontijiet mensili illi gew esibit, li l-kumpanijia attrici kienet ta' kull xahar tkun infurmata bil-valur tal-kjamati li kien qieghed jghamel l-impjegat, il-konvenut, u nonostante li dawn kienu jeccedu l-limitu allegat, b'ammont sostanzjali, huma kienu qieghdin ihallsu l-ammont intier minghajr ma jigbdu f'xi mument l-attenzjoni tal-konvenut ghall-eccess.

F'dan ir-rigward Gino Cutajar issostni illi dan sar ghaliex kien hemm ukoll ftehim ulterjuri illi l-konteggi dwar it-telephone kellhom jsiru darba kull sena. Dan il-ftehim ulterjuri izda ma jissemmiex minn Kevin Sammut Alessi u gie wkoll michud mill-konvenut.

Inoltre l-konvenut jikkontesta illi huwa gie notifikat bl-ittra (dokument GC1) fix-xahar ta' Jannar stess, izda jssostni li din kienet wasletlhu wara x-xahar ta' Frar u ghalhekk wara illi huwa thallas il-bilanc ta' xi kummissjonijiet illi huwa kellhu jiehu minn ghand l-atturi.

Inoltre jirrizulta wkoll, anke mid-deposizzjoni ta' Gino Cutajar, illi meta l-konvenut spicca mill-impieg u saru l-konteggi dwar x'kienet il-posizzjoni finanzjarja tieghu mall-kumpanija, il-konvenut thallas ta' dak kollu li kien dovut lilhu wara illi l-kumpanija naqset wkoll xi ammonti li setghu kienu dovuti minn missier il-konvenut. Izda l-atturi ma kienu naqqsu xejn ghal dak li jirrigwarda l-eccess allegat minnhom fl-uzu ta' ' mobile telephone'.

Dawn l-indizji immorru kollha favur l-allegazzjoni u verzjoni tal-konvenut u ghaldaqstant il-Qorti issib illi l-atturi ma waslux ghal prova minnhom rikjesta illi kien hemm xi ftehim dwar il-limitazzjoni ta' l-uzu tat-telephone. Ghaldaqstant fil-waqt li tilqa l-eccezzjonijiet tal-konvenut tirrespingi t-talba attrici;

Bl-ispejjez kontra l-atturi

Magt Dr D Montebello B A LLD

A. Farrugia

Dep.Reg. Civil 35